MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 875/2014

**Wara l-atti tal-kawza numru (sic)**

**deciza fl-4 ta` Lulju 2013**

**Anthony Gatt (201547M) u martu Catherine Gatt (ID771553M) ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha**

***kontra***

**Philip Gatt (ID220255M) u martu Doris Gatt (ID515464M) ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha u All Trading Vehicles & Spares Limited (Registration No. C4155)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fis-7 ta` Ottubru 2014 li jaqra hekk :–

*Illi kif irrizulta mill-atti ntavolati, ir-rikorrenti Anthony Gatt huwa azzjonista fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) ;*

*Illi rrizulta wkoll li r-rikorrent huwa detentur ta` 200 ossija 40% tal-azzjonijiet tal-imsemmija socjeta` filwaqt li l-bqija tal-azzjonijiet huma mizmuma minn huh Philip Gatt ;*

*Illil-vertenza bejn il-partijiet (Citazzjoni Numru 34/2009) giet finalment deciza fis-seduta tal-4 ta` Lulju 2013 ;*

*Illi l-ezitu kien illi, kif talbu l-esponenti, bl-applikazzjoni tal-Art 402(3)(d) tal-Kap. 386, il-Qorti ordnat illi jinbieghu l-ishma kollha li r-rikorrent Anthony Gatt ghandu fil-kumpannija Att Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) ; (Dok A sentenza)*

*Illi l-awditur Kevin J Mahoney irrediga r-rapport tieghu hawn anness Dok B fejn jirrizulta l-valur tal-istess ishma ;*

*Illi minkejja li r-rapport ta` l-Awditur tlesta u nhalef u thallas u illi l-intimat, permezz tal-avukat tieghu ntalab jersaq halli jsir il-bejgh, l-intimat qed jirrezisti illi jezegwixxi l-ordni ta` dina l-Onorabbli Qorti tant illi anke qed johloq xi pretensjonijiet frivoli ;*

*Illi l-esponenti huma anzjani u pensjonanti u ma jistghux jistennew snin twal sabiex jiehdu dak dovut lilhom ;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrent qed jergghu jirrikorru lejn l-Awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti halli jinghataw rimedju xieraq ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu illi dina l-Qorti joghgobha, ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpaniji Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta u sabiex ir-rikorrenti jkollhom rimedju effettiv :*

*1. Tikkunsidra dan ir-rikors b`urgenza, filwaqt li taghti u tordna dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni halli l-esponent jinghata dak illi huwa dovut lila ;*

*2. U dana kollu taht dawk it-termini, il-pattijiet u kundizzjonijiet ohra illi dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni illi timponi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ai termini tal-imsemmi artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Ottubru 2014 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimati, tathom ghoxrin (20) jum min-notifika biex iwiegbu bil-miktub u appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 10 ta` Novembru 2014 fid-9.00 a.m.

Rat ir-risposta prezentata fil-5 ta` Novembru 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, l-eccipjenti umilment jitolbu bir-rispett ir-rikuza tal-imhallef sedenti ghat-tenur tal-Artiklu 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, stante illi gja` ddecieda l-kawza fl-istess ismijiet u fuq l-istess mertu permezz ta` sentenza tal-4 ta` Lulju 2013 (Rik Nru 34/2009 JZM) ;*

*2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi eccepit ir-res gudikata, billi jinkonkorru l-elementi kollha ghall-applikazzjoni tal-istess u konsegwentement, dina l-Onorabbli Qorti ghandha*

*tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` dan ir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ;*

*3. Illi fir-rikors promotur tar-rikorrenti, gja` gie ammess minnhom illi l-vertenza bejn il-partijiet giet finalment deciza fis-seduta tal-4 ta` Lulju 2013 u ghalhekk, din il-vertenza ghaddiet in gudikat u m`hemm ebda lok illi l-istess vertenza tigi ritrattata jew tkun suggett ghall-proceduri civili godda ;*

*4. Illi in forza ta` zewg digrieti tal-15 ta` Settembru 2014, li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "A" u "B" dina l-Onorabbli Qorti stess kienet iddikjarat illi billi s-sentenza fuq citata kienet ghaddiet in gudikat, kienet qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` zewg rikorsi pprezentati miz-zewg partijiet wara l-ghoti tas-sentenza, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghaldaqstant, l-istess ghandu japplika ghar-rikors odjern ;*

*5. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, stante illi ma tezisti ebda bazi ghall-applikazzjoni tal-Artiklu 402 tal-Kap 386 ;*

*6. Illi l-ordnijiet moghtija fis-sentenza fuq citata huma cari u ma jaghtu lok ghal ebda interpretazzjoni u, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti Philip u Doris konjugi Gatt ottemperaw irwiehhom ma` dak kollu li gie ordnat lilhom in forza tas-sentenza fuq citata, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors ;*

*7. Illi, min-naha l-ohra, ma tirrizulta ebda prova illi r-rikorrenti ottemperaw irwiehhom ma` dak ordnat lilhom in forza tal-istess sentenza ;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta tal-intimati.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta` Novembru 2014 fejn, wara li semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri, idderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni. U hekk sar fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment dwar l-ewwel eccezzjoni, bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` referenzi.

Rat in-noti ta` referenzi tal-partijiet.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Fatti</u>**

Bejn il-partijiet, **<u>mhumiex kontestati</u>** dawn il-fatti :-

1) Fl-4 ta` Lulju 2013, din il-Qorti kif presjeduta tat sentenza b`occhio identiku ghal dak tal-kawza tal-lum u cioe` fil-kawza fl-ismijiet "*Anthony Gatt (201547M) u martu Catherine Gatt (ID 771553M) ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha kontra Philip Gatt (ID 220255M) u martu Doris Gatt (ID 515464M) ghal kwalsiasi interess li jista` jkollha u All Trading Vehicles & Spares Limited (Registration No. C 4155) Rikors Nru 34/2009.* (Dok A).

2) F`dik il-kawza, it-talbiet tar-rikorrenti kienu jghidu hekk :-

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu illi dina l-Qorti joghgobha taghmel ordni urgenti ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att ta` 1995 dwar il-Kumpanniji sabiex :*

*(i) Tiddikjara illi l-affarijiet tal-kumpannija tmexxew u qed jitmexxew b`mod li, huwa oppressiv, b`mod mhux gust diskriminatorju kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju kontra r-rikorrent ;*

*(ii) Thassar u tirrevoka mmedjatament l-effetti kollha ta` l-Form K premessa u tohrog dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa lir-Registratur tal-Kumpanniji ;*

*(iii) Tordna illi r-rikorrent Anthony Gatt jerga` jigi appuntat direttur mill-gdid minnufih ;*

*(iv) Tordna lill-intimat Philip Gatt ihallas lir-rikorrent Anthony Gatt kumpens finanzjarju ;*

*(v) Tirregola t-tmexxija ta` l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur.*

*U dana kollu taht dawk it-termini, il-pattijiet u kundizzjonijiet ohra illi dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni illi timponi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ai termini tal-imsemmi artikolu 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Bl-ispejjez.*

3) Id-*decide* tas-sentenza kien ighid hekk :-

*Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet billi taqta` u tiddeciedi hekk –*

*Tilqa` l-ewwel talba.*

*Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tat-tielet u tal-hames talbiet.*

*Tichad ir-raba` talba.*

*Bl-applikazzjoni tal-Art 402(3)(d) tal-Kap 386, tordna illi jinbieghu l-ishma kollha li r-rikorrent Anthony Gatt ghandu fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155).*

*Ghal dan l-iskop tordna li ma jsir l-ebda tibdil fil-memorandum u fl-articles of association tal-kumpannija sakemm jinbieghu dawn l-ishma.*

*Tordna lill-intimati Philip u Doris konjugi Gatt sabiex bhala diretturi tal-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) ilestu l-full audited accounts tal-kumpannija sal-31 ta` Dicembru 2012 u l-management accounts*

*taghha sal-lum u jipprezentawhom fir-Registru ta` din il-Qorti sa mhux aktar tard minn erba` (4) xhur mil-lum.*

*Tahtar lill-Awditur Kevin J. Mahoney sabiex jistabilixxi l-prezz ta` kull sehem tal-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) fid-data tal-lum u abbazi ta` dak il-prezz, jinbieghu l-ishma tar-rikorrent Anthony Gatt skond il-procedura prevista mill-articles of association tal-kumpannija.*

*Taghti lill-Awditur Kevin J. Mahoney access shih ghall-full audited accounts ta` All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) sal-31 ta` Dicembru 2012 u ta` l-management accounts taghha sal-lum.*

*Tordna lill-intimati Philip u Doris konjugi Gatt bhala diretturi tal-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) sabiex jaghtu lill-Awditur Kevin J. Mahoney kwalsiasi taghrif – kollox inkluz u xejn eskluz – li jkun jehtieg sabiex jaqdi l-inkariku tieghu.*

*Tordna lill-Awditur Kevin J. Mahoney sabiex jissorvelja – b`mod attiv u liberu – l-process kollu tal-bejgh u tat-trasferiment tal-ishma li r-rikorrent Anthony Gatt ghandu fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155).*

*Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluz il-procedura tal-bejgh u trasferiment tal-ishma, u tal-inkariku tal-Awditur Kevin J. Mahoney, jithallsu mill-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155).*

4) Is-sentenza ghaddiet in gudikat.

5) In esekuzzjoni tal-inkariku li nghata skond is-sentenza, l-Awditur Kevin J. Mahoney ivvaluta l-prezz ta` kull sehem fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited (C4155) fl-ammont ta` elfejn tmienja u hamsin Ewro tlieta u tletin centezmu (€2,058.33).

6) Sal-lum, ir-rikorrent ghadu azzjonista tal-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Bl-ewwel eccezzjoni taghhom, l-intimati qeghdin jitolbu r-rikuza tal-Imhallef sedenti abbazi tal-**<u>Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12</u>** li jaqra hekk :-

*L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża … jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef … Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Gurisprudenza</u>**

Dwar l-Art 734(1)(d)(ii) tal-Kap 12, kien rilevat fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Novembru 1967 fil-kawza "**<u>Carmelo Gauci vs Giorgio Gatt et</u>**" illi :-

*"Gie dejjem ritenut illi l-kazijiet li fihom Imhallef jista` jastjeni jew jigi rikuzat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Gie wkoll dejjem ritenut illi l-kliem "il-kawza" fid-disposizzjoni hawn fuq citata jirriferixxu ghall-istess kawza li fiha tkun inghatat id-decizjoni precedenti …*

*Imhallef jista` jigi rikuzat f`kawza meta din tkun ga giet quddiemu bhala Imhallef. Izda d-decizjoni tieghu f`dik il-kawza trid tkun tinvolvi l-istess meritu f`liema huwa ga ppresjeda. Jekk il-mertu jkun differenti l-espressjoni da parti tal-imhallef ta` opinjoni dwar il-provi migbura mill-parti fil-kawza precedenti ma tassoggettahx ghall-possibilita` ta` rikuza."*

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Marzu 1996 fil-kawza "**Dr Alfred Mifsud vs Onor Prim` Ministru et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istess disposizzjoni :-

*Kif osservat mill-Imhallef Xuereb fis-sentenza 'Caruana vs De Piro' (15 ta` Mejju 1889 a Vol XII p.241) l-uzu fil-ligi tal-kelma 'kawza' preceduta mill-artikolu determinattiv ('il-kawza') juri li* ***l-ligi kkontemplat kawza determinata li ma tistax tkun hlief il-kawza pendenti****, molto piu` in vista tal-kliem spjegattivi aggunti mil-ligi riferibbilment ghal-limitazzjoni tal-kazijiet ta` rikuza ghall-Imhallef li jkun 'qata' definittivament l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet …* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

Fil-provvediment li tat fis-17 ta` Novembru 2014 fil-kawza "**L-Imhallef Dottor Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs L-Onorevoli Prim Ministru et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-

*9. Illi tabilhaqq ir-ragunijiet li ghalihom gudikant jista` jigi rikuzat milli jkompli jisma` kawza huma biss dawk li l-ligi nnfisha ssemmi u, f`kazijiet eccezzjonali, ragunijiet ohrajn serji li jwasslu bhala xierqa u f`posthom ("conveniente") tali astensjoni jew rikuza. L-istitut tar-rikuza jew tal-astensjoni huwa mahsub biex ihares l-ahjar interessi tal-gustizzja ...*

*10. Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuza jew l-astensjoni tal-gudikant jinbena fuq il-presuppost li l-gudikant li quddiemu titressaq kawza la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa –dmir tieghu u mhux semplici*

*privilegg jew favur li huwa jisma` u jaqta` kull kawza li titressaq quddiemu. U l-fatt wahdu li l-ligi nnfisha taghti lil dak il-gudikant is-setgha li jqis jekk ghandux jilqa` jew le talba biex jastjeni mis-smigh ta` kawza ma ggibx lil dak il-gudikant daqslikieku sar wahda mill-partijiet fil-kawza ;*

*11. Illi d-disposizzjoni tal-Art 734(1)(d) tal-Kap 12 tghodd ghall-kaz fejn l-istess kawza terga` titqieghed quddiem il-gudikant rikuzat wara li kien ta sentenza fl-istess kawza, imma ma tghoddx fejn dik is-sentenza tkun qatghet impar parti mill-mertu u tkun ghadha quddiemu biex jiddeciedi talbiet ohrajn fil-mertu tal-istess kawza ;*

*12. Illi dik id-disposizzjoni ma tghoddx fejn id-decizjoni moghtija ma tkunx qatghet definittivament il-mertu tal-kawza u lanqas fejn il-kitba dwar il-kawza ma tkunx messet il-qalba fil-mertu tal-kwestjoni nvoluta ;*

*13. Illi l-enuncjazzjoni ta` principji legali minn Qormi f`sentenza taghha bla ma tkun ghaddiet biex tapplika dawk il-principji fil-kawza li jkollha quddiemha ma titqiesx bhala raguni tajba bizzejjed biex iggib fis-sehh it-thaddim tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kodici Procedurali ;*

…

***17. Illi mill-banda l-ohra l-fatt li gudikant titressaq quddiemu kwestjoni legali f`kawza li dwarha jkun diga` ta d-decizjoni tieghu f`kawza ohra ma jgibx b`daqshekk raguni tajba biex dak il-gudikant jastjeni jew ikun rikuzat milli jkompli jisma` l-kawza ta` wara. Fl-ewwel lok, kull decizjoni tiddependi mhux biss mill-principji legali imma wkoll mill-fatti u c-cirkostanzi partikolari li jsawru l-kaz ; fit-tieni lok, il-fehma li gudikant ikun wera f`decizjoni tieghu ta` qabel tista` tiehu xejra ohra fid-dawl ta` argumenti godda li jistghu jitressqu quddiemha jew fid-dawl ta` zviluppi gurisprudenzjali jew dottrinali li jkunu sehhew minn dakinhar li kienet inghatat id-decizjoni ta` qabel ;***

(enfasi ta` din il-qorti).

**Ikkunsidrat :**

**V.** **<u>Risultanzi</u>**

Fir-rikors taghhom tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin ighidu – fost premessi ohra – illi *minkejja li r-rapport ta` l-Awditur tlesta u inhalef u thallas u illi l-intimat, permezz tal-avukat intalab jersaq halli jsir il-bejgh, l-intimat qed jirrezisti illi jezegwixxi l-ordni ta` dina l-Onorabbli Qormi tant illi anke qed johloq xi pretensjonijiet frivoli.* Jikkontendu r-rikorrenti illi ghalhekk kellhom *jirrikorru lejn l-Awtorita` ta` dina l-Onorabbli Qorti halli jinghataw rimedju xieraq.* Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex bl-applikazzjoni ta` *l-Art 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta* taghtihom *rimedju effettiv.*

Fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2014, ir-rikorrenti ntalbu mill-Qorti sabiex jiccaraw il-lanjanza taghhom. Id-difensur tar-rikorrenti qal hekk :-

*… fic-cirkostanzi partikolari hafna ta` dan il-kaz, peress illi kien hemm nuqqasijiet attribwibbli lil Philip Gatt, il-provvediment tal-ewwel Qorti ma rrizultax f`rimedju effettiv ghal Anthony Gatt. Ghaldaqstant kellhom jittiehdu l-proceduri odjerni.*

Min-naha taghha, id-difensur tal-intimati wiegbet billi sostniet li din tal-lum hija *kawza gdida* apparti li kkontestat l-allegazzjoni tal-kontroparti li kien hemm xi nuqqas da parti ta` Philip Gatt.

L-intimati jaccettaw li din tal-lum hija *kawza gdida* u jaghmlu enfasi fuq il-fatt li r-rikors inghata numru gdid u ma kienx meqjus bhala parti mill-procediment fl-ismijiet "*Anthony Gatt (201547M) et kontra Philip Gatt et*" li kien deciz fl-4 ta` Lulju 2013.

Anke din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi din tal-lum hija ***kawza gdida***. Ghal din il-Qorti dan ifisser illi dak li trid tistharreg ghall-fini tal-ewwel eccezzjoni huwa jekk ghad illi ppresentaw *kawza gdida,* il-mertu taghha huwiex l-istess bhal dak li din il-Qorti kif presjeduta ddecidiet fil-kawza l-ohra bejn il-partijiet tal-4 ta` Lulju 2013.

Fis-sostanza, l-allegazzjoni tar-rikorrenti – **li ghad trid tigi pruvata u accertata fil-mertu, jekk ikun il-kaz** – hija li bil-fatt li r-rikorrent Anthony Gatt baqa` ma thallasx il-valur tal-ishma li ghandu fil-kumpannija All Trading Vehicles & Spares Limited skond kif ipprovdiet il-Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta` Lulju 2013 bejn il-partijiet, huwa qieghed igarrab pregudizzju kif previst mill-Art 402 tal-Kap 386, u ghalhekk qieghed jitlob lill-Qorti sabiex taghtih rimedju effettiv kif jipprovdi l-istess Art 402 tal-Kap 386.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa differenti ghal kollox mill-mertu tal-kawza l-ohra bejn il-partijiet li kienet deciza fl-4 ta` Lulju 2013 u ghalhekk l-Imhallef sedenti ma jara l-ebda fondament ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimati.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, spejjez ghall-intimati.**

**Tordna li l-kawza tibqa` tinstema` minn din il-Qorti hekk kif presjeduta.**

**Thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 19 ta` Jannar 2015 tissejjah fid-9.00 a.m.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------